# Avvenimenti Antiki li Nibqgħu Niftakru

## Tagħrif miġbur minn Noel Castillo

Xi xhur ilu ġew f'idejja ħafna 'cuttings'minn gazzetti antiki dwar il-birgu u l-festa ta' SanLawrenz. jien,bejn għax kurjuż, kif ukoll għax dilettant, qattajt siegħat twal naqrahom, u dehrli li xi wħud minnhom għandi nippubblikawhom fil-programm tal-festa ta' din is-sena, ħalli dilettanti oħra, l-aktar żagħżagħ bħali jkunu jistgħu japprezzaw l-imħabba kbira i missirijietna dejjem ħaddnu lejn San Lawrenz.

**L-ISTATWA TA' SAN LAWRENZ MILL-ĠDID FIL-BIRGU.**
Nhar il-Ħadd 30 ta' Lulju, fil-5.30 p.m. l-Arċipriet flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Lawrenz tal-Birgu, jitilqu mill-Knisja Kolleġġjata għall-Kolleġġjata ta' Bormla,biex jittrasportaw l-antika statwa ta' San Lawrenz. L-istatwa tiġi mehuda lejn il-Birgu b'pellegrinaġġ ta' devozzjoni u bħala sinjal ta' ħajr. Fil-Knisja Kolleġġjata tal-Birgu jsir diskors mill-Arċipriet, Antifona tal-Qaddis u Barka. L-Arċipriet jittama li wlied il-belt Rebbieħa jmorru lkolljieħdu sehem fil-pellegrinaġġ bl-istatwa tal-qaddis patrun u protettur tagħhom. *(Leħen is-Sewwa - Il-Gimgħa 28 ta' Lulju 1944).*

**IL-FESTA TA' SAN LAWRENZ FI ŻMIEN IL-GWERRA**
Għaddew aktar minn 20 sena mindu spiċċat l-aħħar gwerra. Minħabba li ġa' għadda dan iż-żmien hawnbosta żgħażgħ li ma jiftakrux kif in-nies tal-Birgu baqgħu jfakkru l-Jum tal-10 t'Awissu, għalihom tant għażiż saħansitra fl-eqqel tal-gwerra, meta ġuħ u bombi kienu jimlew il-ħajja Maltija.
Malta kellha l-ewwel attakki mill-ajru f'Ġunju tal-1940,u bosta nies mill-Birgu ħallew il-Birgu biex marru jfittxu kenn fl-irħula mbegħdin. Iżda kien hemm xi familji,li meta raw li l-attakki kienu naqsu, reġgħu marru jabitaw fil-Birgu, fi djarhom. F'Awissu bosta nies tal-birgu nġabru biex jiffesteġġjaw kif jistgħu il-jum ta' San Lawrenz.
Għalhekk nhar l-10 t'Awissu tal-1940, l-istatwa tal-Qaddis kienet ġiet armata fil-Knisja parrokkjali taħt in-nava tal-Kurċifiss,u hemm kienet imżejna b'ħafna fjuri u xama. Ma saritx purċissjoni imma fis-6.00 p.m., wara li ntemm is-sinjal tal-'All Clear', il-qniepen tal-Kolleġġjata tal-Birgu fetħu lsienhom u b'sinjal ta' 'All Clear' mill-attakk ta' l-ajru taw mota ta'ferħ għal Jum SanLawrenz.

**ATTAKKI MIN-NAŻI**
Is-sena 1941 kienet wisq aktar qalila fl-attakki min-Nażi. Sa Awissu l-Birgu kien sofra ħsarat ġmielhom u l-poplu issa kien miġbur ma' l-Arċipriet P. Galea li kellu l-parroċċa fil-kappella tal-Police Station ta'Couvre Porte, billi n-nies kienu jabitaw fix-xelters tal-Foss. Il-poplu tal-Birgu, miġbur f'dik il-kappella żgħira ffesteġġja Jum San Lawrenz flimkien ma' l-Arċipriet. Billi l-Knisja kienet ġiet milquta mill-bombi, bosta mill-affarijiet tal-Knisja kienu jinsabu fir-Rabat u l-Imdina fejn kienet tinsab l-istatwa antika ta' SanLawrenz. Din ġiet iffesteġġjata fil-Knisja ta' San Pietru tas-Sorijiet ta' San Benedittu, fl-Imdina, fejn il-Vittorjożani rifuġjati barra l-Birgu sabu mezz biex hemm ukoll jonoraw lill-patrun tagħhom. Billi l-qilla tal-bumbardamenti kienet issa mżewqa ukoll minn ġuħ u tbatija oħra,xorta waħda l-ispirtu tan-nies tal-Birgu kien qawwi biex f'Awissu jiffesteġġjaw Jum San Lawrenz fir-Rabat, din id-darba fil-knisja ta' San Pawl fejn l-Arċipriet u l-Kapitlu assistew lill-Mons. Isqof Galea jagħmel quddiesa solenni. Kien sar paneġierku mill-Provinċjal tal-Agostinjani,

Patri Paolo Spiteri. Minħabba l-gwerra ma kinux isiru purċissjonijiet, imma fil-knisja Pawlina, Jum San Lawrenz kien iċċelebrat mill-aħjar, u bosta nies attendew għaċ-ċelebrazzjonijiet li żiedu paġna ġdida fil-ġrajjiet tal-poplu Vittorjożan u mħabbtu lejn San Lawrenz.
Fis-sena 1943,it-tbatijiet ta' l-attakki kienu naqsu, billi l-qawwiet allejati kienu issa saħansitra nvadew l-Italja u r-rebħa kienet imminenti. F'Awissu l-poplu tal-Birgu nġabar fil-Knisja Kolleġġjata tal-Birgu, li parti minnha kienet imġarrfa, u hemm ġiet iffesteġġjata l-festa tal-Patrun. Billi l-istatwa antika kienet għada fir-Rabat, saret purċissjoni bi statwa oħra li dari kienet tintrama fit-toroq għat-tiżjin.
Il-permess li ssir purċissjoni pubblika qawwa l-moral tal-poplu u kient l-ewwelpurċissjoni li saret wara li spiċċaw l-attakki tal-għadu. Il-purċissjoni għaddiet mit-toroq imħarbta u kollha ġebel tal-bini mwaqqa'. Il-banda tal-Birgu id-"Duke of Edinburgh" ġiet imlaqqa' malajr mis-Sur Dalmas, is-Segretarju li rnexxielu jkabbar Jum il-Festa bid-daqq tal-marċi brijużi. L-ispirtu festiv ta' din il-festa ta' SanLawrenz fil-ħerba tat-tiġrif ġewwa l-Birgu kien inċentiv biex mill-ġdid Malta tibda l-festi tradizzjonali tagħha mal-bliet u rħula kollha.

**ĠIET MEĦUDA LURA**

Fid-29 ta' Lulju tal-1944, l-istatwa antika u storika ta' San Lawrenz ġiet meħuda lura b'pellegrinaġġ mill-Kolleġġjata ta' Bormla għall-Birgu. U fl-10 t'Awissu tal-1944, il-poplu Vittorjożan mill-ġdid, iffesteġġja fil-Kolleġġjata, għada mġarrfa tal-Birgu, l-festa ta' San Lawrenz, li minn dik is-sena u wara beda żmien ta' rikostruzzjoni,u minn sena għall-oħra,f'-Jum San Lawrenz kienu jiżżanżnu opri ġodda fil-knisja storika, kif ukoll fl-armar tat-toroq. Issa nistgħu ngawdu bosta minn dawk l-opri li saru wara l-gwerra wara li kienu ġġarrfu,u nqerdu bosta opri artistiċi u storiċi li kellha l-Knisja Lawrenzjana. *(Il-Berqa - Il-Ġimgħa 4 t'Awissu 1967)*

**IL-FESTA TA' SAN LAWRENZ BIL-MALTEMP**

Billi m'hix ħaġa xejn solita li f'SanLawrenz, suppost l-eqqel ġurnata tas-sħana, tagħmel dik it-taqliba fl-ajru, nixtiequ nħallu din il-ġurnata mfakkra għaldawk li jiġu warajna.
Qatt f'għomri ma niftakar il-festa ta' San Lawrenz bix-xita,u ibqgħu żguri li l-Vittorjożani ma stennewx xita bil-qliel. Ix-xita li għamlet filgħodu ġiegħlet lil ħafna nies joħorġu fit-toroq u mxarrbin għasra jżarmaw l-istatwi tad-Djaknu u tad-Dutturi li jornamentaw il-pjazza storika tagħna. Fl-ewwel kwarta li kienet ilha nieżla x-xita, il-pjazza dehret żarmata minn kollox, saħansitra d -drapp tal-bandalori u trofej. Prosit, ma stennejthiex. Wisq aktar ma stennejtx illi f'dik ix-xita l-istess nies ma qatgħux qalbhom li jżarmaw l-istatwa ta' San Lawrenz jagħti d-dawl lill-għomja minn għoli ta' xi tletin pied.
B'hekk il-poplu Vittorjożan ħeles it-telf ta' bosta oġġetti li kollha saru minn mindu spiċċat il-gwerra bi spejjez ta' butu.
Fil-ħin eżatt li fil-Parroċċa kienet qiegħda tindaqq l-Antifona l-istatwa ta' San Lawrenz imsemmija tasal il-pjazza fejn ġiet milqugħa minn ħafna nies li ħarġu jifirħu fix-xita li din l-istatwa tant antika ġiet salvata għat-tieni darba wara dik tal-gwerra.
Fil-għaxija, donnu l-ajru kien qed jistenna li l-istatwa antika u sabiħa ta'San Lawrenz tidħol fl-istoriku tempju tagħha biex infetħu bwieb is-sema u l-ajru f'kemmili ngħidlek infexx f'tempesta ta' xita, riħ u beraq liema bħalu.
Kulħadd osserva li l-poplu kollu tal-Birgu jaf jagħmel sagrifiċċji meta fi proċessjoni ftit imħarrka, ġie esegwit kollu l-programm tal-festa. Ix-xbieha storika ta' San Lawrenz ġiet milqugħa kullimkien b'applawsi soliti, u għal grazzja t'Alla kollox irnexxa – Prosit lil kulħadd. *(Leħen is-Sewwa – 2 ta' Settembru 1953)*